Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2017
(OR. en)

11334/17

COHAFA 59
DEVGEN 176
ALIM 13
ONU 105
FAO 30
COAFR 214
MAMA 150
MOG 63
COEST 191
COASI 99
COLAC 62
PROCIV 64
RELEX 662

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Lulju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11134/17 COHAFA 55 DEVGEN 165 ALIM 11 ONU 97 FAO 24 COAFR 216 MAMA 140 MOG 59 COEST 181 COASI 89 COLAC 57 PROCIV 61 RELEX 636
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tar-riskju tal-karestija (17 ta' Lulju 2017)

Id-delegazzjonijiet ser isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tar-riskju tal-karestija, kif adottati mill-Kunsill fit-3557 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Lulju 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tar-riskju tal-karestija

1. Il-ħtiġijiet umanitarji kienu mingħajr preċedent fl-2017. Dawn jinkludu għadd ta' kriżijiet kroniċi tas-sigurtà tal-ikel, fejn erba' pajjiżi qed jiffaċċjaw riskju allarmanti ta' karestija: il-Jemen, il-Grigal tan-Niġerja, is-Somalja u s-Sudan t'Isfel. B'mod ġenerali, madwar 20 miljun ruħ jinsabu f'riskju li jmutu bil-ġuħ f'dawn il-pajjiżi. L-impatt fuq il-popolazzjonijiet milquta huwa ħarex. Barra minn hekk, dawn il-kriżijiet ipoġġu lin-nisa u l-bniet f'riskju partikolari u hemm rapporti ta' vjolenza sesswali u sessista estensiva. Dawn huma fil-biċċa l-kbira kriżijiet maħluqa mill-bniedem imbuttati mill-kunflitt u l-instabbiltà u aggravati minn kundizzjonijiet estremi ta' temp.

2. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu azzjoni, billi minnufih żiedu r-rispons tagħhom għal dawn il-kriżijiet permezz ta' aktar fondi umanitarji, inkluż permezz ta' diversi konferenzi tad-donaturi ddedikati għall-erba' pajjiżi fi kriżi u r-reġjuni tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien ipprovdew aktar minn EUR 1.2 biljun din is-sena biss għall-għajnuna umanitarja fl-erba' pajjiżi f'riskju ta' karestija.

3. Filwaqt li dawn l-isforzi għenu biex jiġbdu l-attenzjoni u jiġbru l-fondi għar-rispons umanitarju, xorta għad hemm nuqqasijiet u fadal ħafna xi jsir. Il-Kunsill jappella lid-donaturi tradizzjonali u emerġenti kollha biex jingħaqdu mal-UE u l-Istati Membri tagħha fiż-żieda fil-fondi għall-erba' żoni fi kriżi. Barra minn hekk, huwa kruċjali li l-għotjiet kollha li jsiru jissarrfu b'urġenza fl-għoti ta' għajnuna lin-nies milquta.

4. Madanakollu, il-finanzjament huwa biss parti mis-soluzzjoni. Dawn il-kriżijiet huma maħluqa mill-bniedem, u l-għeruq tagħhom jinsabu fil-kunflitt, u jeħtieġu soluzzjonijiet politiċi li jmorru lil hinn mill-għajnuna umanitarja. Il-kunflitt joħloq jew jaggrava l-insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni kbira; idgħajjef is-sisien tar-reżiljenza biex jiġu assorbiti xokkijiet fosthom id-diżastri naturali u l-prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew. L-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u bidliet ambjentali wkoll jistgħu jaggravaw l-insigurtà tal-ikel u nutrizzjonali permezz tal-iskarsezza tal-ilma, in-nixfa, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art. Ma' dan wieħed jista' jżid xejriet demografiċi bħat-tkabbir fil-popolazzjoni u l-urbanizzazzjoni. L-insigurtà tal-ikel, imbagħad, tista' twassal għal tensjonijiet soċjali u politiċi jew taggravahom, u dawn jistgħu jilħqu l-quċċata tagħhom f'kunflitti u sitwazzjonijiet oħra ta' vjolenza.

5. Il-Kunsill jisħaq li huma biss is-soluzzjonijiet politiċi li jistgħu jtemmu dawn iċ-ċikli ta' ħtiġijiet. Il-komunità internazzjonali trid tkompli tapplika pressjoni politika fuq il-partijiet kollha biex jintemmu l-kunflitti, u tappoġġa b'mod aktar attiv proċessi politiċi li jwasslu għal soluzzjonijiet sostenibbli. L-investiment fil-prevenzjoni tal-kunflitti minn qabel huwa ta' importanza mill-akbar. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa ta' aktar attenzjoni politika u investimenti f'dan is-settur, inkluż il-medjazzjoni u l-analiżi konġunta mill-istituzzjonijiet tal-UE, is-SEAE u l-Istati Membri, u fejn rilevanti flimkien man-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji. Identifikazzjoni bikrija preċiża tar-riskji u d-dinamika ta' kunflitti vjolenti, flimkien ma' azzjoni bikrija, hija l-aktar mod effiċjenti kif jittaffew riskji ġodda potenzjali.

6. B'riżultat tal-vjolenza, in-nuqqas ta' sigurtà u x-xkiel burokratiku, l-aċċess umanitarju huwa limitat ferm u xi drabi impossibbli. L-UE tappella lill-partijiet rilevanti kollha biex iħallu aċċess umanitarju bla xkiel għall-popolazzjonijiet kollha fil-bżonn u biex ineħħu l-ostakli li qed iwaqqfu l-kunsinna ta' għajnuna vitali. Il-partijiet kollha jridu jirrispettaw il-liġi umanitarja internazzjonali u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-prinċipji umanitarji. Jekk il-ġuħ jintuża bħala arma tal-gwerra, dan jikkostitwixxi ksur gravi tal-liġi umanitarja internazzjonali, li l-UE tikkundanna fl-aktar termini qawwija. L-UE tappoġġa l-isforzi kollha mill-Istati Membri tagħha, in-NU u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll il-komunità umanitarja usa', biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' għajnuna umanitarja, jittejjeb l-aċċess umanitarju u jissolvew il-kunflitti.

7. Il-partijiet ikkonċernati kollha, fosthom l-UE u l-Istati Membri tagħha, għandhom jimplimentaw l-impenji politiċi miftiehma biex tiżdied l-effiċjenza tal-azzjoni umanitarja, inkluż fi kriżijiet bir-riskju ta' karestija. Dan jitlob li jiġu implimentati l-impenji tas-Summit Umanitarju Dinji − inkluż il-"Grand Bargain" għal dawk il-partijiet li ssieħbu fih − dwar it-trasparenza, l-irfigħ tar-responsabbiltà u azzjoni maħsuba apposta fuq il-bażi ta' analiżi solida tal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet milquta, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk l-aktar vulnerabbli. Aktar finanzjament multiannwali u għajnuna mhux assenjata jistgħu jżidu l-effiċjenza u jappoġġaw aktar interventi strateġiċi. Il-flessibilità fil-finanzjament hija wkoll meħtieġa biex l-imsieħba tagħna jkunu jistgħu jadattaw għall-ħtiġijiet u r-realtajiet li qed jinbidlu fuq il-post. Użu aktar sistematiku ta' trasferimenti ta' flus kontanti lill-benefiċjarji, fejn xieraq, jista' jżid l-effiċjenza, jiżgura d-dinjità u jappoġġa s-swieq u l-irkupru lokali.

8. L-impatt reġjonali ta' dawn l-erba' kriżijiet, li wasslu għal movimenti kbar ta' refuġjati lejn il-pajjiżi ġirien u b'hekk ħolqu ħtiġijiet umanitarji fir-reġjuni kollha bħal qatt qabel, għandu jiġi rifless fil-pjanijiet ta' rispons individwali tal-pajjiżi. L-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi ġirien biex jospitaw ir-refuġjati, u tappoġġa l-implimentazzjoni ta' inizjattivi bħall-Qafas ta' Rispons Komprensiv għar-Refuġjati għal soluzzjonijiet aktar xierqa u dejjiema għas-sitwazzjonijiet ta' refuġjati, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' spostament dewwiemi.

9. Il-Kunsill jemmen li jeħtieġ li l-atturi umanitarji, ta' żvilupp u politiċi jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex jiksbu eżiti sostenibbli u kollettivi b'appoġġ għall-Aġenda 2030 u skont il-"Mod Ġdid ta' Kif Naħdmu" propost min-Nazzjonijiet Uniti. Kif deskritt ukoll fl-aħħar Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-reżiljenza[1], dan jinkludi l-bini tar-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà għall-fatturi li jistgħu jwasslu għall-karestija; l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet u l-pressjonijiet li jinsabu fl-għeruq tal-insigurtà gravi tal-ikel u l-malnutrizzjoni akuta; u t-tkomplija tal-monitoraġġ u t-teħid ta' azzjoni rapida bi tweġiba għal sistemi ta' twissija bikrija - qabel ma jintlaħqu l-punti ta' kriżi u jkomplu jinqerdu l-kapaċitajiet diġà dgħajfin ta' sopravivenza.. Dan jista' jinkiseb billi tinbena l-kapaċità lokali, tissaħħaħ il-governanza u jsir investiment f'sistemi sostenibbli ta' sigurtà tal-ikel li jistgħu jkampaw ma' fraġilità fit-tul u jassorbu xokkijiet għall-għarrieda. Iridu jittieħdu tagħlimiet minn dawn l-erba' kriżijiet biex jittejjeb ir-rispons għal dawn is-sitwazzjonijiet ta' sigurtà tal-ikel u oħrajn.

---

[1] 10184/17

10. Il-Kunsill ser ikompli jirrakkomanda li jkun hemm kumplementarjetà akbar bejn l-għajnuna umanitarja u dik għall-iżvilupp, f'konformità mal-konklużjonijiet dwar it-tħaddim tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp[2]. L-atturi tal-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għandhom rwol essenzjali x'jaqdu fit-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni u biex jgħinu ħalli jiġu ppreservati l-mezzi tal-għajxien u jittaffew l-effetti tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima fuq l-iżvilupp.

11. Il-Kunsill iqis li huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi ta' koordinazzjoni, mhux biss fost l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp iżda wkoll bi pjanijiet ta' rispons tal-gvern nazzjonali, fejn xieraq. It-tisħiħ tar-reżiljenza ta' pajjiż jew reġjun għall-kriżijiet umanitarji għandu jsir parti integrali mid-djalogu politiku ma' pajjiżi sħab. Is-sens ta' sjieda demokratiku nazzjonali u lokali huwa essenzjali fl-isforzi tagħna għall-prevenzjoni u r-reżiljenza. Dan ifisser konċentrazzjoni aktar qawwija fuq ir-responsabbiltà primarja tal-gvernijiet li jaħsbu għall-ħtiġijiet bażiċi tal-poplu tagħhom.

---

2 9383/17